TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha 26 ta' Frar 2016

Avviz Nru 48/2015

Mobisle Communications Limited

Vs

Anthony James Welsh

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf u wiehed u tmenin Ewro u sitt centezmi (€1081.06) import ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni fil-kont numru 40254080, liema somma tinkludi l-ispejjes ta' ittra ufficcjali fl-ammont ta' tnejn u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€62.41). Dan bl-ispejjez kollha.

Ra' illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni.

Il-konvenut qatt ma pprezenta risposta jew deher biex jikkontesta t-talba.

Ra' u sema l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra' l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-

avviz gie ppublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'L-Orizzont' u 'The Times of Malta'.  Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tas-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

It-Tribunal josserva illi pero hija prassi hazina illi l-ispejjes ta' l-ittra ufficcjali jigu mizjuda mas-sorte. Dawn ghandhom jiffurmaw parti mil-kap ta' l-ispejjes. Ghalhekk dawn ser jitnaqqsu mis-sorte u jigu mizjuda taht il-kap ta' l-ispejjes.

Wara li ra' ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, kif spjegat jikkundanna lill-konvenut  sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf u tmintax il-Ewro u hamsa u sittin centezmu (€ 1018.65), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali tas-sitttax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-quddiem. Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-sitttax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kontra il-konvenut.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur